Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 37/16

**AVVIŻI**

**11 ta' Settembru 2016**

Nhar l-Erbgħa sa jkun iċċelebrat Jum l-Anzjani fil-Katidral tal-Imdina. Dawk li jixtiequ jiġu għandhom jinkitbu fis-sagristija llum stess. Nitilqu fit-8.30am u naslu lura għall-ħabta tal-11.30am.

Nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru hija l-Festa tal-Esaltazzjoni tas-Salib. Wara l-quddiesa tas-7pm ssir ċelebrazzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib.

Nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru wara l-quddiesa tas-7pm bis-sehem tat-tfal sa jsir Kwiżż għat-tfal kollha. Fl-aħħar ikun hemm id-*doughnuts* għall-bejgħ.

Infakkru li nhar is-Sibt 17 ta' Settembru P. Joe Mamo, eks-kappillan tal-parroċċa tagħna sa jkun qiegħed ifakkar il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu b'quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk Birkirkara fis-6.30pm. Tkun ħaġa sabiħa li ningħaqdu miegħu fir-ringrazzjament lil Alla ta' dan id-don.

Nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru fis-7pm niċċelebraw il-Festa ta' San Ġużepp ta' Copertino patrun tal-istudenti. It-tfal iġibu magħhom il-basket tal-iskola biex jitbierek.